MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2014

Numru 19/2012

**Att. t'Akkuza Nru. 19/2012**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

***Omissis***

**Illum, 31 ta' Mejju, 2014**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 19 tas-sena 2012 kontra l-akkuzat ***Omissis*** li bih huwa gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fil-ħdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006) il-pulizija rċevew rapport mingħand ***Omissis*** fejn ġie allegat li bintha, li jisimha ***Omissis*** u li dak iż-żmien kellha tmien snin (8), kienet qed tiġi abbużata sesswalment minn missierha li huwa l-akkużat f'dawn il-proċeduri.

Illi meta l-minuri ġiet mitkellma fil-preżenza t'ommha minn puliżija nisa mit-taqsima ta' kontra l-vizzji kif ukoll minn *social workers* li kienu involuti f'dan il-każ u fl'andament tal-minuri fil-kors tal-proċeduri, hi stess stqarret fi kliemha illi f'diversi okkazzjonijiet anki fix-xhur ta' qabel dik id-data, missierha kien jagħmel atti oxxeni fil-preżenża tagħha u fuq il-persuna tagħha u stqarret ukoll b'mod partikolari li kien jagħfas il-parti privata tiegħu ma tagħha f'liema mument kienet tħoss ħruq fil-parti tagħha. Kien ġie stabbilit mill-investigazzjonijiet ulterjuri li dan il-ħruq kien riflessjoni tas-sensazzjoni kkawżata mill-penetrazzjoni ġenitali tal-parti ta' missierha fil-parti intima tagħha. Hi stqarret ukoll li kienet titolbu jieqaf peress li kien qed iweġġagħha u sussegwentement hu kien jissodisfa r-ridiet sesswali tiegħu billi jagħmel atti oħra ta' natura abussiva u sfaċċatament sesswali fil-konfront ta' bintu.

Illi b'għemilhu l-imsemmi ***Omissis*** sar ħati talli f'Malta, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bi vjolenża, kkometta stupru aggravat fuq persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, b'dan li d-delitt ġie kommess minn axxendent naturali u cioe` l-akkużat kontra bintu u li l-persuna li fuqha sar l-istupru ma kinitx għalqet l-eta` ta' disa' snin.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi ***Omissis***, ħati talli, f'Ottubru tas-sena 2006 u fix-xhur ta' qabel, f'diversi postijiet Malta, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bi vjolenża, kkometta stupru aggravat fuq

persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, b'dan li d-delitt ġie kommess minn axxendent naturali u cioe' l-akkużat kontra bintu u li l-persuna li fuqha sar l-istupru ma kinitx għalqet l-eta` ta' disa' snin; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn tlett snin u mhux iktar minn tletin sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 198, 201, 202(g)(h)(iii), 17, 18, 31, 382A, 412C u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi b'referenza għaċ-ċirkostanzi indikati fl-ewwel kap ta' din l-att tal-akkuża u ċioe` fil-11 ta' Ottubru 2006 u fix-xhur ta' qabel, in vista tan-natura tar-rapport magħmul minn omm ***Omissis*** għan-nom ta' binta u in sostenn ta' dak li stqarret ***Omissis*** stess fir-rigward tal-abbużi sesswali li kienet qed tissubixxi minn missierha ***Omissis***, irriżulta li bl-aġir ta' l-akkużat, ***Omissis***, kienet qed tinżamm illegalment u kontra r-rieda tagħha f'diversi okkazjonijiet tul perijodu ta' żmien, bl-iskop li hi tiġi soġġetta għall-aġir abussiv ta' missierha fil-konfront tagħha, liema aġir indubjament ma kienx mixtieq jew mitlub minnha u dan speċjament meta wieħed iqis l-eta' tenera tagħha, ir-relazzjoni domestika li kellha u li għandha mal-akkużat kif ukoll in-natura gravi tal-atti li kienet qed tissubixxi minnu u kontra r-rieda tagħha.

Illi b'għemilhu l-imsemmi ***Omissis*** sar ħati talli f' Malta, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita` kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil bintu kontra l-volonta` tagħha, jew ta l-post biex fiħ bintu tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata b'dan li id-delitt sar bħala mezz biex persuna tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess ta' dik il-persuna, kif ukoll liema delitt sar fuq bint l-akkużat ai termini tal-artikolu 202(h)(iii).

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi ***Omissis***, ħati talli, f'Ottubru tas-sena 2006 u fix-xhur ta' qabel, f'diversi postijiet Malta, b'diversi atti

magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil bintu kontra l-volonta' tagħha, jew ta l-post biex fiħ bintu tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata b'dan li id-delitt sar bħala mezz biex persuna tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess ta' dik il-persuna, kif ukoll liema delitt sar fuq bint l-akkużat ai termini tal-artikolu 202(h)(iii); talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn tlettax il-xahar u mhux iktar minn ħames snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 86, 87(1)(g)(h), 202(h)(iii), 17, 18, 31, 382A, 412C u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi b'referenza għaċ-ċirkostanzi indikati fl-ewwel żewġ kapi ta' din l-att tal-akkuża u ċioe` fil-11 ta' Ottubru 2006 u fix-xhur ta' qabel, irriżulta li ***Omissis***, apparti minn l-att ta' stupru li subiet, kienet qed tiġi soġġettata wkoll għal atti oxxeni li ilkoll fin-natura tagħhom huma tali li jistgħu wwasslu indubjament u filfatt f'dan il-każ wasslu fil-korruzzjoni fisika u mentali tagħha. Dan qed jingħad konsiderando fost affarijiet oħrajn l-eta' tenera tal-vittma u n-nuqqas ta' esperjenża assoluta ta' atti jew konotazzjonijiet sesswali da parti tagħha. Din il-korrużjoni ġiet iktar faċilitata mill-fatt li l-aggressur huwa missier il-vittma liema fatt jaggrava s-sitwazzjoni peress li l-akkużat abbuża mir-relazzjoni ta' fiduċja li kien hemm bejnu u bejn bintu u di piu dawn l-atti rrepetew ruħhom fuq medda ta' żmien.

Illi b'għemilhu l-imsemmi ***Omissis*** sar ħati talli f' Malta, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, b'egħmil żieni, kkorrompa persuna ta' taħt l-eta', tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, b'dan illi id-delitt sar bi ħsara ta' persuna li ma għalqitx l-eta` ta' tnax il-sena inkella bi vjolenza u ġie kommess minn axxendent mid-demm u ċioe` mill-akkużat kontra bintu ***Omissis***.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi ***Omissis***, ħati talli, f'Ottubru tas-sena 2006 u fix-xhur ta' qabel, f' Malta, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, b'egħmil żieni, kkorrompa persuna ta' taħt l-eta`, tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, b'dan illi id-delitt sar bi ħsara ta' persuna li ma għalqitx l-eta` ta' tnax il-sena inkella bi vjolenża u ġie kommess minn axxendent mid-demm u ċioe' mill-akkużat kontra bintu ***Omissis***; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn tlett snin u mhux iktar minn tnax il-sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 203(1)(a)(c)(2)(3)(b), 17, 18, 31, 197(4), 382A, 412C u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba` Kap illi fil-kors ta' investigazzjoni li kien qed iseħħ in segwitu għar-rapport magħmul minn ***Omissis*** fil-ħdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006) u ċioe` għar-raġunijet imsemmija fl-ewwel tlett kapi ta' din l-att tal-akkuża, waqt it-tfittxijiet li kienu qed isiru fir-residenża u fuq il-persuna tal-akkużat, ġie elevat telefon ċellulari tal-għamla Motorola V3X u meta l-kontenut ta' dan ġie spezzjonat irriżulta filmat li nġibed mill-akkużat stess f'Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), fejn hu jidher involut ma' mara oħra fil-kors ta' atti ta' natura sesswali. Irriżulta wkoll li dak il-filmat kien qed jinġibed fir-residenża ta' dik il-mara mill-akkużat u jidher li fil-mument ta' dan l-att, bint il-mara in kwistjoni li f'dak iż-żmien kellha tlett (3) snin u li jisimha ***Omissis*** kienet qedgħa tintrefa mill-akkużat stess fil-kors tal-att inifsu. Dan l-inċident ġie kkonfermat ukoll mill-akkużat fejn ġie kkonfermat ukoll li l-mara fil-filmat ma kinitx konxja tal-fatt li l-filmat kien qed jinġibed minnu.

Illi minħabba dan il-komportament espliċitu u abbusiv, l-akkużat b'aġir żieni kkorrompa lil ***Omissis*** u dan jingħad speċjalment in vista tal-eta` tenera ħafna tal-vittma, r-relazzjoni ta' fiduċja li l-akkużat kellu mal-vittma u ma' omm il-vittma u l-fatt li f'dak il-mument l-akkużat kien qed jerfagħha.

Illi b'għemilhu l-imsemmi ***Omissis*** sar ħati talli, b'egħmil żieni, kkorrompa persuna ta' taħt l-eta`, tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, b'dan illi id-delitt sar bi ħsara ta' persuna li ma għalqitx l-eta` ta' tnax il-sena inkella bi vjolenża u meta l-minuri (***Omissis***) kienet imqar

għal xi żmien, fdat lil akkużat sabiex jieħu ħsiebha, jedukha, jgħallimha, jindukra jew iżommha.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi ***Omissis***, ħati talli, b'egħmil żieni, kkorrompa persuna ta' taħt l-eta`, tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, b'dan illi d-delitt sar bi ħsara ta' persuna li ma għalqitx l-eta' ta' tnax il-sena inkella bi vjolenża u meta l-minuri (***Omissis***) kienet imqar għal xi żmien, fdata lil akkużat sabiex jieħu ħsieba, jeduka, jgħallimha, jindukrah jew iżommha; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn tlett snin u mhux iktar minn sitt snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 203(1)(a)(c)(2), 17, 31, 197(4), 382A, 412C u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat l-atti ta' l-process;

Rat il-verdett tal-gurati tal-31 ta' Mejju, 2014 li bih il-ġurati:

**<u>L-Ewwel Kap</u>**

1. Il-ġurati b' 7 voti favur u b' 2 voti kontra sabu lill-***Omissis*** ħati skont l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża.

**<u>It-Tieni Kap</u>**

2. Il-ġurati b' 8 voti favur u b' vot kontra sabu lill-***Omissis*** ħati skont it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża.

**<u>It-Tielet Kap</u>**

3. Il-ġurati b' 8 voti favur u b' vot kontra sabu lill-***Omissis*** ħati skont it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża.

**Ir-Raba' Kap**

4. Il-ġurati b' 7 voti favur u b' 2 voti kontra sabu lill-***Omissis*** ħati skont ir-Raba' Kap tal-Att tal-Akkuża mingħajr l-aggravju illi l-minuri ġiet fdatha lilhu sabiex jieħu ħsiebha, jedukha, jgħallimha, jindukrha jew iżommha.

Għaldaqstant, din il-Qorti tiddikjara lil ***Omissis***, ħati talli:

1. F'Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006) u fix-xhur ta' qabel, f'diversi postijiet Malta, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bi vjolenża, kkometta stupru aggravat fuq persuna ta' ***Omissis***, b'dan li d-delitt ġie kommess minn axxendent naturali u cioe' l-akkużat kontra bintu u li l-persuna li fuqha sar l-istupru ma kinitx għalqet l-eta` ta' disa' snin.
2. F'Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006) u fix-xhur ta' qabel, f'diversi postijiet Malta, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil bintu ***Omissis***, kontra l-volonta' tagħha, jew ta l-post biex fiħ bintu tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata b'dan li id-delitt sar bħala mezz biex persuna tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess ta' dik il-persuna, kif ukoll liema delitt sar fuq bint l-akkużat ai termini tal-artikolu 202(h)(iii)
3. F'Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006) u fix-xhur ta' qabel, f' Malta, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, b'egħmil żieni, kkorrompa persuna ta' taħt l-eta`, tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, b'dan illi id-delitt sar bi ħsara ta' persuna li ma għalqitx l-eta` ta' tnax il-sena inkella bi vjolenża u ġie kommess minn axxendent mid-demm u ċioe' mill-akkużat kontra bintu ***Omissis***.
4. F'Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006) b'egħmil żieni, kkorrompa lil ***Omissis***,. persuna ta' taħt l-eta`, tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, b'dan illi d-delitt sar bi ħsara ta' persuna li ma għalqitx l-eta' ta' tnax il-sena.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-ħati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiża.

Semgħet u qieset is-sottomissjonijiet rigward piena tal-abbli difensur **Dr. Joseph Brincat**, li jinsabu kollha reġistrati u jistgħu jiġu verifikati mat-traskrizzjoni tal-istess.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur **Dr. Philip Galea Farrugia**, li jinsabu kollha reġistrati u jistgħu jiġu verifikati mat-traskrizzjoni tal-istess.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 86, 87(1)(g)(h), 197(4), 198, 201, 202(g)(h)(iii), 203(1)(a)(c)(2)(3)(b), 382A, 412C u 533 tal-Kodiċi Kriminali, wara li qieset l-assorbiment tal-kapi fejn jirrikorru, tikkundanna lill-ħati ***Omissis*** għal piena ta' erbatax il-sena pirġunerija, kif ukoll li jħallas is-somma ta' elf, ħames mija u tmienja u sebgħin Ewro u għaxar centeżmi (€1578.10), rappreżentanti l-ispejjeż tal-perizji inkorsi f'dan il-proċess.

Tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat.

Tordna wkoll id-divjiet tal-pubblikazzjoni tal-ismijiet tal-persuni msemmija f'din is-sentenza, f'kull sura ta' media.

Il-Qorti wara li rat il-Kap. 518 tal-Liġijiet ta' Malta tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex l-imputat jitnżżel fuq ir-Reġistru ndikat fl-imsemmi Att u għal dan il-għan tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi komunikata lill-imsemmi Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------